**_Ruling_ mogħti mill-iSpeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 270 tal-1 ta' Ġunju 2015 dwar talba għal tqegħid ta' dokumenti fuq il-Mejda tal-Kamra**

Fis-seduta tal-lum il-Kap tal-Oppożizzjoni talab hekk:

> "Sur President qabel nibda nixtieq nitlob lill-Ministru biex iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kemm ir-rapport tal-inkjesta li rrefera għalih, kif ukoll ir-Rapport tal-ARUP li rrefera għalih."

Il-Ministru Konrad Mizzi qal hekk:

> "Inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra Rapport tal-Inquiry Board tal-Isptar Mater Dei ffirmat mill-membri kollha kif ukoll ir-Rapport tal-ARUP dwar l-MAU *Building* li huwa *Accident, etc."*

Imbagħad il-Kap tal-Oppożizzjoni qal hekk:

> "Il-Ministru qed ipoġġi kopja sħiħa tar-Rapport tal-ARUP jew parti minnu biss?"

Hawnhekk il-Ministru Konrad Mizzi wieġeb hekk:

> "Rigward ir-Rapport tal-ARUP, aħna poġġejna *Volume B* li jirrigwarda l-Emerġenza, il-kumplament hemm partijiet minnhom li huma lesti, hemm partijiet li għad iridu jitpoġġew. Illum qed nitkellmu dwar l-Emerġenza. Mhux se jkollna problema biex inpoġġu l-kumplament tar-rapport fuq il-Mejda tal-Kamra."

Hawnhekk reġa' qam il-Kap tal-Oppożizzjoni u qal hekk:

> "Sur President, qabel inkomplu nixtiequ li l-Ministru jpoġġi r-Rapport sħiħ tal-ARUP ladarba rrefera għalih.".

Imbagħad qam il-Ministru Konrad Mizzi u qal hekk:

> "Kull ma rreferejt għar-Rapport dwar l-MAU u qegħednieh sħiħ fuq il-Mejda tal-Kamra."

Hawnhekk il-Kap tal-Oppożizzjoni reġa' għamel l-intervent tiegħu u qal hekk:

> "F'isem it-trasparenza jeħtieġ li din il-Kamra u l-pubbliku barra jkollu aċċess għar-rapport sħiħ. Ladarba l-Ministru għamel referenza ċara għal dawn ir-rapporti, aħna nistennew li jiġu ppreżentati lil din il-Kamra b'mod sħiħ u b'mod komplet."

Imbagħad il-Kap tal-Oppożizzjoni talab ir-*ruling* u se nikkwota kif talbu:

> "Sur President, ladarba l-Ministru mhuwiex interessat fit-trasparenza, jien nitlob *ruling* mingħandek biex tobbliga lilu jippreżenta rapport sħiħ tal-ARUP u rapporti sħaħ ta' dak kollu li għamel referenza għalih fid-diskors."

Is-Sedja ħasset il-ħtieġa li tistaqsi lill-Ministru Konrad Mizzi dwar jekk fl-istqarrija li hu qara f'din il-Kamra llejla kienx qed jikkwota minn xi dokument jew kienx qed jagħmel referenza

għal xi dokument. Għal darba darbtejn il-Ministru qal li kien qed jagħmel biss referenza u ma kien qed jikkwota mill-ebda rapport. Is-Sedja għalhekk imbagħad issospendiet is-seduta biex tagħti *ruling*.

Is-Sedja ħasset il-ħtieġa li ddur l-istqarrija kollha li qara l-Ministru, li fiha 17-il faċċata, u minn hemmhekk jirriżulta li mkien ma jidher li kien qed jikkwota minn xi rapport. L-unika kwotazzjoni li jidher li hemm – għalkemm tidher li hija sempliċement kumment – tinsab f'paġna 11 tal-istqarrija tal-Ministru fejn jingħad hekk:

> "Minuti li l-bord analizza jindikaw li s-somma ta' żewg miljun lira Maltin kienet "ġest ta' rieda tajba",

u l-kliem "ġest ta' rieda tajba" qiegħda f'marki ta' kwotazzjoni. Ovvjament hemmhekk ma kien qed jagħmel referenza għall-ebda rapport.

Is-Sedja nnotat li kull darba li l-Kap tal-Oppożizzjoni kellu l-opportunità li jispjega t-talba tiegħu għal *ruling*, dejjem qal li l-Ministru Konrad Mizzi meta kien qed jagħmel l-istqarrija "kien qed jagħmel referenza" għal xi dokumenti. Fl-ebda stadju l-Kap tal-Oppożizzjoni ma ta lis-Sedja x'tifhem li l-Ministru kien qed jikkwota, imma fit-tliet istanzi li tkellem il-Kap tal-Oppożizzjoni qabel ma talab ir-*ruling*, kull darba uża dan il-kliem b'referenza għall-Ministru: "ladarba rrefera għalih", "għamel referenza ċara", "għamel referenza" għar-rapport.

Is-Sedja se tagħmel referenza għal diversi *rulings* li tat qabel. Jiena tajt tliet *rulings* fuq id-dokumenti u se nagħmel referenza għalihom biex nispjega l-prinċipju li dejjem segwejna. L-ewwel *ruling* li se nagħmel referenza għalih huwa dak mogħti minn din is-Sedja stess fis-Seduta Nru 188, tal-20 ta' Ottubru 2014, liema *Ruling* kien intalab mill-Onor. George Pullicino fir-rigward tal-Ministru Konrad Mizzi. F'dak ir-*ruling* kien ġie spjegat li hemm tliet elementi li jiġu segwiti biex jiġi ordnat li jitpoġġa dokument fuq il-Mejda tal-Kamra, u kien ġie kkwotat dak li kien qal l-iSpeaker Morrison f'*ruling* li kien ta fil-House of Commons fejn kien qal hekk:

> *"In the first place the Minister must have quoted from the document; it is not sufficient that he should have referred to it or even to have summarized or paraphrased it in part or in whole;*
>
> *Secondly, the document must be a "dispatch or other State paper", the rule cannot be applied to private documents;*
>
> *Thirdly, the rule cannot be applied to documents which are stated by the Minister to be of such a nature that their disclosure would be inconsistent with the public interest."*

F'*ruling* ieħor mogħti f'Seduta Nru 150 tad-19 ta' Mejju 2014, liema *ruling* kien intalab mill-Onor. Jason Azzopardi li kien qed jippresedi l-Public Accounts Committee, is-Sedja kienet qalet hekk:

> "Dan huwa wkoll *in linea* mal-proċedura użata fil-House of Commons. Fil-fatt f'paġna 447 tal-Erskine May (24th ed) fejn jitkellem dwar *Responsibility for the laying of documents* insibu dan li ġej:

> *"It is the responsibility of the Government and not of the Chair to see that documents which may be relevant to debates are laid before the House and are available to Members and that it is done in a timely manner. It is not for the Chair to decide what documents are relevant. Only when the Speaker himself has control of a document can he be involved in making it available to the House or a committee.""*.

Però f'dak ir-*Ruling* kont tajt ukoll id-deċiżjoni li jekk il-Kumitat Permanenti nnifsu – f'dak il-każ kien il-Public Accounts Committee – jiddeċiedi li d-dokument għandu jitpoġġa, allura d-dokument għandu jitpoġġa. Fil-fatt kont għedt li l-Public Accounts Committee xorta għandu l-poter li jiddeċiedi hu jekk għandux jiġi prodott jew le dak il-kuntratt, li f'dak il-każ kien il-kuntratt ta' Henley & Partners.

It-tielet *Ruling* li s-Sedja trid tagħmel referenza għalih – fil-fatt lill-Kap tal-Oppożizzjoni diġà rreferejtu għalih - huwa dak li tajt fis-Seduta Nru 178 tas-16 ta' Lulju 2014, fejn kont għamiltha ċara, u se nikkwota:

> "Is-Sedja tinnota li l-obbligu li dokument jiġi esebit joħroġ meta Membru jkun qed jikkwota minn tali dokument, sakemm dan ma jkunx ta' natura kunfidenzjali kif jiddikjara l-Ministru, jew jista' jkun ta' preġudizzju għall-interess pubbliku jew ippubblikat."

Għaldaqstant wara li s-Sedja eżaminat l-istqarrija u qrat id-dokumenti kollha, is-Sedja f'dan l-istadju ma tistax tordna lill-Ministru biex iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra d-dokument mitlub mill-Kap tal-Oppożizzjoni.